Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 44**

**Data:** Il-Ħamis, 17 ta' Lulju 2025
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużati**
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**44.1 Ittri ta' apoloġiji**

44.1.1 Il-President semma li, H.E Clifford Galea Vella Maslennikov, Kav. Paul Farrugia, is-Sur Jesmond Aquilina u s-Sur Charles Bonello talbu li jkunu skużati.

44.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu skużati.

**44.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 43**

44.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

44.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**44.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 43**

44.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u s-Sur Stehpen Sultana ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-27 ta' Ġunju 2025 u s-16 ta' Lulju 2025 li kienet tammonta għal €215,816.61.

**44.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2025**

44.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi ir-rapport Finanzjarju ġie approvat kif preżentat.

**44.5 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **44.5.1 Board Resoulution (Fixed Term Account)** | Il-President semma li wara diskussjoni interna u anki minħabba sigurta' u serħan il-moħħ, l-Assoċjazzjoni ħalliet il-kont fiss għal sitt xhur oħra mal-bank APS. |
| **44.5.2 CRIHM** | Il-President semma li kif kien diskuss fl-aħħar laqgħa tal-Eżekuttiv din il-materja għada pendenti peress li għadu ma ngħatax rispons lura fuq din l-inizjattiva mill-partijiet involuti. |
| **44.5.3 Ġbir ta' skart bil-lejl** | Il-President semma li kien irċieva mingħad ir-Reġjun Port kopja tal-konsultazzjoni li għamel ir-Reġjun fuq dan is-suġġett u din il-proposta. Fuq talba tal-President anki peress li ma setax |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

jattendi l-laqgħa minħabba li jinstab imsiefer ingħatat kopja lill-Membri tal-Eżekuttiv li kienu preżenti.
Il-President semma li kien intalab jattendi laqgħa mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, Transport Malta u l-kumplament tar-Reġjuni fil-ġimgħat li ġejjien.

**44.5.4 Skema LESA Enforcement**

Il-President semma li din l-iskema għada m' għaddiet l-ebda ta' forma ta' komunikazzjoni uffiċjali kif ser tkun qed tiġi amminitrata sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu jiġu gwidati u jigwidaw lill-Għaqdiet ukoll.

**44.5.5 Xiri ta' Tuktuk**

Il-President propona li l-Assoċjazzjoni tibda forsi tfittex biex issib xi tip ta' vettura simili ta' tuktuk sabiex tkun brandjata u tintuża fi pjazez u attivitajiet oħra b' materjali ta' promozzjonio u kitbiet tal-Assoċjazzjoni. Kien hemm qbil li tibda riċerka fuq din il-proposta.

**44.5.6 Enemalta**

Il-President semma li kien hemm żblokk bejn l-Enemalta u l-kuntratturi u jidhru li waqgħu l-każijiet kollha li kien hemm PCRB u li fihom kienu involuti wkoll ir-Reġjuni u l-Assoċjazzjoni.
Semma li jidher li l-enemalta ser tibda pjan ta' implimentazzjoni ma' l-istess kuntratturi sabiex jinbidel id-dawl tal-lokalitajiet.
Semma li dawl dekorattiv u manutenzzjoni ser tkun fir-responsabbilita' tal-Kunsill.
Dr. Samuel Azzopardi semma li l-imprortanti li wieħed jara li l-kulur tad-dawl ikun kollu uniformi.

**44.5.7 Laqgħa mad-Direttur Ġenerali**

Il-President semma li kien laqgħa oħra wara dik tal-Ombudsman flimkien mad-Direttur Ġenerali sabiex jitkomplu d-diskussjonijiet rigward in-nuqqas ta' qbil fuq il-ħatra tal-Board għall-Intervisti ta' Segretarju Eżekuttiv.

**44.5.8 Post Vakant fi skala 12**

Il-President semma li wara li saru l-intervistiu intgħażel persuna dan ma aċċettax li jieħu l-irwol u għaldaqstant ser jintalab lil Jobsplus biexikompli l-proċess.

**44.5.9 Taħriġ għall-ħaddiema fi skala 16**

Il-President semma li għaddejja komunikazzjoni mal-MCAS biex dan jiġi konkluż u mistenni jibda lejn Ottubru 2025.

**44.5.10 ALDA**

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni wriet intress li jsir l-ALDA Festival 2026.

**44.5.11 ALL Digital Summit**

Il-President semma li l-preparamenti jinstabu għaddejjin kif ukoll kien hemm konferma minn diversi kelliema u anki Ministri inkluż id-Deputat Priministru u s-Segreatrju Parlamentari għall-Gvern Lokali li ser ikunu qed jindirizzaw dan is-summit.

**44.5.12 San Patringiano**

Il-President semma li kienet saret talba lil komunita' ta' San Patringiano sabiex l-Assoċjazzjoni torganizza study visit għas-Sindki u Kunsilliera li huma responsabbli mill-inklużjoni soċjali. Kien propost li l-grupp ikun kompost sa massimu ta' 15-il persuna, fejn il-Kunsill rispettiv jiffinazja n-nefqa kif ukoll din għandha issir lejn April 2026.

**44.5.13 Smart City World Expo**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tinforma lil Kunsilli minħabba li kien baqa' biljetti għall-entratura tal-fiera li ma ntużawx mir-Reġjuni.

**44.5.14 Human Rights Directorate**

Il-President semma li l-laqgħat li saru mar-Reġjuni kienu produttivi u kien fadal biss laqgħa waħda li kienet skedata għall-5 ta' Settembru mar-Reġjun Għawdex. Semma li din għada trid tkun ikkonfermata.

**44.5.15 Smart City Worls Expo**

Il-President semma li l-AKL kienet tat biljetti għad-dħul lir-reġjuni sabiex jattendu. Semma li dawn il-biljetti jiswew €200 u setgħu jingħataw għaliex l-AKL daħlet fi ftehim ma' Smart City World Expo.

**44.5.16 Każ tal-Qorti – Jimmy Magro**

Il-President semma li reġa' kien hemm komunikazzjoni mal-Ispetur responsabbli mil-każ fejn intalbu dokumenti mill-file personali li l-Assoċjazzjoni għandha fuq l-impjigi li kellu s-Sur Jimmy Magro kif ukoll ex impjegata oħra tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Semma li l-AKL telgħet tati x-xhieda kif mitlub u preżentat id-dokumenti rikjesti.
Wara diskussjoni fuq proposta ta' Dr. Samuel Azzopardi ssekondata mill-President kien hemm qbil li l-Assoċjazzjoni tkellem lill-avukat u titlob lill-Qorti sabiex tidħol bħala parti mill-kawża. Semmew u kien hemm qbil li l-ewwel jittieħed parir tal-avukat tal-Assoċjazzjoni.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **44.5.17 Uffiċjali Maniġerjali AKL** | Il-President semma li ser tkun qed toħroġ għall-pubbliku s-sejħa ta' Uffiċjal Maniġerjali Relazzjonijiet Internazzjonali u Proġetti. |
| **44.5.18 AKL Summer BBQ** | Il-President fakkar li nhar it-8 t' Awwissu hemm il-BBQ. Semma li jidher li l-attendenza hija waħda tajba u li l-preparamenti huma konklużi. |
| **44.5.19 Konfi** | Il-President talab lis-Sur Max Zammit kellux x' iżied jew xi aġġornament fuq is-suġġett. Is-Sur Max Zammit semma li kien innutat li jidher li riċentament kien hemm xi aġġornamenti fuq il-konfini għaliex jidher li mill-aħħar riċerka li l-ħaddiema tal-Kunsilli flimkien miegħu kien għamlu u dawk li sabu eżistenti jidher li kien hemm bdil fil-konfi. Is-Sur Max Zammit semma li huwa talab lill-Kunsill jiċċekja mad-Diviżjoni konferma ta' dan il-bdil u meta sar. Semma li hemm avarija bejn ir-reġistru elettorali u l-konfini. |

**44.6 Aġġornament**

44.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 27 t' Awwissu 2025 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**